MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2008

Numru. 3/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Johan J. Fenech**

**vs**

**Sebastian sive Ian Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Sebastian sive Ian Azzopardi, iben Joseph u Maria Pia nee' Cutajar, imwieled Pieta' fid-29 ta' Dicembru 1964 u residenti 'Sunshine Flts', Flt 1, Triq il-Qolla, Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita' numru 34865 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

Fit-18 ta' Novembru 2006 ghall-habta tat-08:00am fir-residenza ' Sunshine Flts', Flt 1, Triq il-Qolla, Birzebbuga, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stella Azzopardi minn B' Buga, skond kif iccertifika Dr. Daryl Xuereb MD mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid ;

Fl-istess data, lok u hin hebb kontra Stella Azzopardi sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara ;

Fl-istess data, lok u hin ghamel lil Stella Azzopardi ingurji jew theddid, jew jekk kien provokat, ingurja b' mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Fl-istess data, lok u hin kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti kienet mitluba li barra l-piena ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' Stella Azzopardi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-4 ta' Marzu 2008 fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm previst fl-Artikoli 216,218, 221, 222, 338(dd), 339 (1)(d) u (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta' Marzu 2008 l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat illi waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar 2008 il-parti civili Maria Stella Azzopardi irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat.

Rat li permezz ta’ digriet tal-1 ta’ Frar 2008 l-Qorti ezentat lil parti civili Maria Stella Azzopardi milli tixhed fil-konfronti ta’ zewgha l-imputat u awtorizzatha tirtira r-rapport minnha maghmul u dan peress illi l-partijiet infurmaw lil Qorti li huma qed jippruvaw jirrikonciljaw u jsalvaw iz-zwieg taghhom.

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala’ bejn il-konjugi Azzopardi fejn l-imputat ta’ daqqa ta’ harta fuq il-widna ix-xellugija ta’ martu Maria Stella Azzopardi. Fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat (inserita a fol. 25 u 26 tal-process) huwa ammetta li kien ta d-daqqa ta’ harta fuq il-widna ix-xellugija ta’ martu. Mic-certifikat mediku esebit a fol. 4 tal-process rilaxxjat minn Dr. Daryl Xuereb jirrizulta li l-griehi li sofriet Maria Stella Azzopardi bhala konsegwenza ta’ dan l-incident kienu ta’ natura gravi stante li kellha t-tambur ta’ widnejha x-xellugija mifqugh. Il-kontenut ta’ dan ic-certifikat gie debitament ikkonfermat mill-imsemmi Dr. Xuereb li xehed fl-udjenza tat-2 ta’ Novembru 2007.

Ghalhekk ghalkemm il-parti civili giet ezentata milli tixhed f’dawn il-proceduri l-ewwel akkuza xorta wahda tirrizulta pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u dan peress li l-imputat ammetta fl-istqarrija li saret refernza ghaliha fil-paragrafu precedenti li huwa kien ikkaguna l-ferita lil martu u anki ghaliex mix-xhieda ta’ Dr. Daryl Xuereb irrizulta wkoll li dawn il-griehi kienu ta’ natura gravi ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9.

Stante r-rinunzja tal-parti civili l-Qorti qed tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tieni u t-tielet akkuza u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi.

In kwantu jirrigwarda r-raba’ akkuza u cioe’ dik ta’ ksur ta’ buon ordni u paci pubblika a tenur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 l-Qorti jidrilha li din l-akkuza ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi u ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat minn din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi stante r-rinunzja da parti tal-parti civili Maria Stella Azzopardi, l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda it-tieni u t-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi, tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba' akkuza migjuba fil-konfroonti tieghu u tilliberah mill-istess akkuza u wara li rat l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara lill-imputat hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------